MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## NADIA H. VELLA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 814/2012

GO **p.l.c.**

**vs.**

**Christian Grech K.I. 615281(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' erba' mija u tletin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€430.22) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni, bl-akkont numru *A/C 40073274*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' erba' mija u tletin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€430.22), bl-imgħax legali dekorribbli mis-6 ta' Diċembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------